KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKATA ĠENERALI
ĆAPETA
ippreżentati fid-9 ta' Novembru 2023 [1]

Kawża C-551/22 P

Il-Kummissjoni Ewropea
vs
Fundación Tatiana Pérez de Guzmán el Bueno,
Stiftung für Forschung und Lehre (SFL),

Single Resolution Board (SRB)

"Appell – Politika ekonomika u monetarja – Unjoni bankarja – Mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni – Regolament (UE) Nru 806/2014 – Artikolu 18(7) – Ammissibbiltà – Awtur ta' att – Att li jista' jiġi kkontestat – Artikolu 86(2) – Rikors għal annullament – Riżoluzzjoni ta' Banco Popular"

I. Introduzzjoni

1. Wara l-kriżi finanzjarja dinjija tal-2008, il-leġiżlatur tal-Unjoni introduċa numru ta' miżuri msejħa l-Unjoni bankarja, intiżi li jipproteġu lis-swieq finanzjarji Ewropej minn instabbiltajiet futuri.

2. Waħda minn dawn il-miżuri hija l-mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni (SRM), stabbilit fl-2014 [2]. L-għan ewlieni tiegħu huwa li jipprovdi riżoluzzjoni tajba għall-banek li qegħdin ifallu mingħajr l-użu tat-taxxi mħallsa mill-poplu filwaqt li jippromwovi l-istabbiltà finanzjarja [3]. Fi ftit kliem, jekk bank ikun qiegħed ifalli jew x'aktarx li jfalli, il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) jista', taħt ċerti ċirkustanzi, jadotta l-iskema ta' riżoluzzjoni u l-Kummissjoni Ewropea jkollha 24 siegħa biex tapprovaha.

3. Fis-6 ta' Ġunju 2017, intuża għall-ewwel darba s-SRM fir-rigward tal-Banco Popular Español, S.A. (iktar 'il quddiem "Banco Popular").

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[2] Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014, L 225, p. 1) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament dwar is-SRM").

[3] Ara iktar fis-sit internet https://www.srb.europa.eu/en/about. Ara wkoll il-premessa 6 tar-Regolament dwar is-SRM.

4. Id-domanda ewlenija magħmula fl-appell li jirriżulta minn din ir-riżoluzzjoni hija: min huwa responsabbli għall-iskema ta' riżoluzzjoni ta' Banco Popular, u, għaldaqstant, min għandu jiġi mfittex quddiem il-qrati tal-Unjoni b'rikors għal annullament? Huwa s-SRB, li adotta l-iskema ta' riżoluzzjoni [4]? Hija l-Kummissjoni li approvatha fl-intier tagħha [5]? Jew ir-riżoluzzjoni ta' Banco Popular hija att konġunt tagħhom?

5. Skont is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Ġunju 2022, Fundación Tatiana Pérez de Guzmán el Bueno u SFL vs SRB (T-481/17, EU:T:2022:311) (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata") [6], l-iskema ta' riżoluzzjoni hija att li jista' jiġi kkontestat u s-SRB huwa legalment responsabbli għaliha.

6. F'dan l-appell, il-Kummissjoni qiegħda tikkontesta l-konstatazzjoni li l-kawża għandha ssir kontra s-SRB. Fil-fehma tagħha, il-kawża kellha titressaq kontra l-Kummissjoni stess, peress li l-iskema ta' riżoluzzjoni tidħol fis-seħħ biss wara li din tiġi approvata.

7. Is-sentenza appellata hija waħda minn sitt kawżi pilota deċiżi mill-Qorti Ġenerali, magħżula bħala li jirrappreżentaw 'il fuq minn mitt kawża diretta mressqa minn persuni fiżiċi u ġuridiċi li kellhom il-kapital tagħhom f'Banco Popular qabel ir-riżoluzzjoni tagħha [7].

II. Il-kuntest ġuridiku rilevanti

8. Il-proċedura ta' riżoluzzjoni stabbilita fir-Regolament dwar is-SRM tinvolvi, fi stadji differenti, lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), lis-SRM, lill-Kummissjoni, u potenzjalment lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Il-premessa 24 tar-Regolament dwar is-SRM tipprovdi kif ġej:

"Billi huma biss l-istituzzjonijiet tal-Unjoni li jistgħu jistabbilixxu l-politika ta' riżoluzzjoni tal-Unjoni ubilli jibqa' marġni ta' diskrezzjoni fl-adozzjoni ta' kull skema ta' riżoluzzjoni speċifika, huwa neċessarju li jiġi previst l-involviment adegwat tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, bħala l-istituzzjonijiet li jistgħu jeżerċitaw setgħat ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 TFUE,. Il-valutazzjoni tal-aspetti diskrezzjonarji tad-deċiżjonijiet ta' riżoluzzjoni meħuda mill-Bord għandha tkun eżerċitata mill-Kummissjoni. Fid-dawl tal-impatt konsiderevoli tad-deċiżjonijiet ta' riżoluzzjoni fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-Istati Membri u fuq l-Unjoni bħala

4 Deċiżjoni tas-SRB SRB/EES/2017/08 tas-7 ta' Ġunju 2017 fis-sessjoni eżekuttiva tiegħu li tikkonċerna l-adozzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' Banco Popular Español, S.A. (iktar 'il quddiem l-"iskema ta' riżoluzzjoni").

5 Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1246 tas-7 ta' Ġunju 2017 li tapprova l-iskema ta' riżoluzzjoni għall-Banco Popular Español S.A. (ĠU 2017, L 178, p. 15, rettifika fil-ĠU 2017, L 320, p. 31) (iktar 'il quddiem l-"approvazzjoni tal-Kummissjoni").

6 It-tieni appell kontra din is-sentenza jinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-448/22 P, SFL vs SRB. Dak l-appell ma jikkonċernax l-ammissibbiltà. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' l-appell f'din il-kawża, wieħed jista' jargumenta li t-tieni appell jitlef l-iskop tiegħu u jiġi għaldaqstant miċħud.

7 Fi tlieta minn dawn il-kawżi pilota, l-iskema ta' riżoluzzjoni tas-SRB kienet ikkontestata flimkien mal-approvazzjoni tal-Kummissjoni. L-ammissibbiltà ma kienet ikkontestata fl-ebda waħda minn dawn il-kawżi. Ara s-sentenza tal-1 ta' Ġunju 2022, Del Valle Ruíz *et* vs Il-Kummissjoni u SRB (T-510/17, EU:T:2022:312); tal-1 ta' Ġunju 2022, Eleveté Invest Group *et* vs Il-Kummissjoni u SRB (T-523/17, EU:T:2022:313); u tal-1 ta' Ġunju 2022, Aeris Invest vs Il-Kummissjoni u SRB (T-628/17, EU:T:2022:315). Kontra dawn is-sentenzi għad hemm appell pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi C-541/22 P, García Fernández *et* vs Il-Kummissjoni u SRB; u C-535/22 P Aeris Invest vs Il-Kummissjoni u SRB. L-appell fil-Kawża C-539/22 P, Del Valle Ruíz *et* vs Il-Kummissjoni u SRB ġie ppreżentat u rtirat fit-22 ta' Lulju 2023. Ir-raba' kawża pilota quddiem il-Qorti Ġenerali kienet tikkonċerna biss id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-iskema ta' riżoluzzjoni, u l-ammissibbiltà ma kinitx ikkontestata. Ara s-sentenza tal-1 ta' Ġunju 2022, Algebris (UK) u Anchorage Capital Group vs Il-Kummissjoni (T-570/17, EU:T:2022:314). Din is-sentenza ma ġietx appellata. Finalment, is-sitt kawża pilota kienet tikkonċerna rikors għal annullament parzjali tal-iskema ta' riżoluzzjoni tas-SRB. Il-Kummissjoni kienet parti intervenjenti f'dik il-kawża, imma l-ammissibbiltà ma tqajmitx. Madankollu, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet *ex officio*, permezz ta' digriet, li r-rikors kien inammissibbli peress li ma kienx jissodisfa r-rekwiżit għal annullament parzjali. Ara d-digriet tal-24 ta' Ottubru 2019, Liaño Reig vs SRB (T-557/17, mhux ippubblikat, EU:T:2019:771). Dan id-digriet ġie kkonfermat fl-appell mill-Qorti tal-Ġustizzja, li ddeċidiet li l-Qorti Ġenerali ma kinitx żbaljat meta kkonstatat li d-dispożizzjoni kkontestata ma tistax tiġi mifruda mill-iskema ta' riżoluzzjoni tas-SRB, fis-sentenza tal-4 ta' Marzu 2021, Liaño Reig vs SRB (C-947/19 P, EU:C:2021:172).

tali, kif ukoll fuq is-sovranità fiskali tal-Istati Membri, huwa importanti li l-Kunsill jingħata s-setgħa ta' implimentazzjoni li jieħu ċerti deċiżjonijiet relatati mar-riżoluzzjoni. Għaldaqstant għandu jkun il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, li jeżerċita kontroll effettiv fuq il-valutazzjoni mill-Bord tal-eżistenza ta' interess pubbliku u li jivvaluta kwalunkwe bidla materjali tal-ammont tal-Fond li għandu jintuża f'azzjoni speċifika ta' riżoluzzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati sabiex tispeċifika l-kriterji jew il-kondizzjonijiet ulterjuri li għandhom jitqiesu mill-Bord fl-eżerċizzju tas-setgħat differenti tiegħu. Tali għoti ta' kompiti ta' riżoluzzjoni bl-ebda mod ma għandu jostakola l-funzjonament tas-suq intern għas-servizzi finanzjarji. L-[Awtorità Bankarja Ewropea] għandha żżomm ir-rwol tagħha, flimkien mas-setgħat u l-kompiti tagħha: għandha tiżviluppa u tikkontribwixxi għall-applikazzjoni konsistenti tal-leġislazzjoni tal-Unjoni applikabbli għall-Istati Membri kollha u żżid il-konverġenza tal-prattiki ta' riżoluzzjoni fl-Unjoni kollha kemm hi".

9. L-Artikolu 18 tar-Regolament dwar is-SRM jistabbilixxi l-proċedura ta' riżoluzzjoni fid-dettall. Huma rilevanti għal dan l-appell il-paragrafi li ġejjin ta' din id-dispożizzjoni.

"7. Immedjatament wara l-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni, il-Bord għandu jitrażmettiha lill-Kummissjoni.

Fi żmien 24 siegħa mit-trażmissjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni mill-Bord, il-Kummissjoni għandha jew tapprova l-iskema ta' riżoluzzjoni, jew toġġezzjonaha fir-rigward tal-aspetti ta' diskrezzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni f'każijiet li mhumiex koperti fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Fi żmien 12-il siegħa mit-trażmissjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni mill-Bord, il-Kummissjoni tista' tipproponi lill-Kunsill biex:

(a) joġġezzjona għall-iskema ta' riżoluzzjoni fuq il-bażi li l-iskema ta' riżoluzzjoni adottata mill-Bord ma tissodisfax il-kriterju tal-interess pubbliku msemmi fil-paragrafu 1(c);

(b) japprova jew joġġezzjona modifika materjali tal-ammont tal-Fond prevista fl-iskema ta' riżoluzzjoni tal-Bord.

Għall-finijiet tat-tielet subparagrafu, il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza sempliċi.

L-iskema ta' riżoluzzjoni tista' tidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressal-ebda oġġezzjoni mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni fi żmien 24 siegħa wara t-trażmissjoni tagħha mill-Bord.

Il-Kunsill jew il-Kummissjoni, skont il-każ, għandhom jiġġustifikaw l-eżerċizzju tas-setgħa ta'oġġezzjoni li għandhom.

Fil-każ fejn, fi żmien 24 siegħa mit-trażmissjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni mill-Bord, il-Kunsill ikun approva l-proposta tal-Kummissjoni għal modifika tal-iskema ta' riżoluzzjoni fuq il-bażi msemmija fil-punt (b) tat-tielet subparagrafu jew il-Kummissjoni tkun oġġezzjonat skont it-tieni subparagrafu, il-Bord, fi żmien tmien siegħat, għandu jimmodifika l-iskema ta' riżoluzzjoni skont ir-raġunijiet espressi.

Fejn l-iskema ta' riżoluzzjoni adottata mill-Bord tipprevedi l-esklużjoni ta' ċerti obbligazzjonijiet fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali msemmija fl-Artikolu 27(5), u fejn tali esklużjoni tirrikjedi kontribuzzjoni mill-Fond jew sors alternattiv ta' finanzjament, bil-ħsieb li titħares l-integrità tas-suq intern, il-Kummissjoni tista' tipprojbixxi jew titlob emendi għall-esklużjoni proposta

filwaqt li telenka raġunijiet adegwati bbażati fuq il-ksur tar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 27 u fl-att delegat adottat mill-Kummissjoni abbażi tal-Artikolu 44(11) tad-Direttiva 2014/59/UE.

8. Fil-każ fejn il-Kunsill joġġezzjona għat-tqegħid ta' istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, fuq il-bażi li ma jkunux se jintlaħaq il-kriterju tal-interess pubbliku msemmi fil-paragrafu 1(c), l-entità rilevanti għandha tiġi stralċjata b'mod adegwat skont il-liġi nazzjonali applikabbli".

III. Il-fatti li wasslu għall-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali

10. Jista' jsir sunt tal-fatti rilevanti għal dan l-appell, kif spjegat f'iktar dettall fis-sentenza appellata, kif ġej.

11. Il-problemi ta' Banco Popular bdew fl-2016 u kkulminaw fit-3 ta' Ġunju 2017, meta s-SRB iddeċieda li jibda l-proċedura ta' kummerċjalizzazzjoni ta' Banco Popular u informa lill-Fondo de Reestructuración Ordenada Bancaria (il-Fond għar-Ristrutturar Ordnat tal-Banek) (iktar 'il quddiem il-"FROB")) dwar ir-rekwiżiti tal-kummerċjalizzazzjoni.

12. Fis-6 ta' Ġunju 2017, il-BĊE sab li Banco Popular kienet qiegħda tfalli jew x'aktarx tfalli skont l-Artikolu 18(4)(c) tar-Regolament dwar is-SRM, u kkomunika din l-evalwazzjoni lis-SRB, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament dwar is-SRM[8].

13. Fis-7 ta' Ġunju 2017, il-FROB informa lis-SRB li huwa kien irċieva offerta vinkolanti minn Banco Santander, S.A. (iktar 'il quddiem "Banco Santander") fl-istess jum fit-3.12 am, li offriet li tixtri l-ishma ta' Banco Popular għall-ammont ta' EUR 1. Il-FROB ippropona lis-SRB biex jaċċetta din l-offerta.

14. Waqt il-laqgħa eżekuttiva tas-7 ta' Ġunju 2017, is-SRB aċċetta l-offerta ta' Banco Santander u adotta l-iskema ta' riżoluzzjoni[9]. Din l-iskema ntbagħtet għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni fil-5.13 am. Fis-6.30 am, b'deċiżjoni indirizzata lis-SRB, il-Kummissjoni approvat l-iskema ta' riżoluzzjoni.

IV. Il-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

15. B'rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali fit-2 ta' Awwissu 2017, Fundación Tatiana Pérez de Guzmán el Bueno u Stiftung für Forschung und Lehre (SFL) ressqu kawża kontra s-SRB għall-annullament tal-iskema ta' riżoluzzjoni[10].

16. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, *ex officio*, li tittratta l-ammissibbiltà tar-rikors u kkonkludiet li kien korrett li ġie ppreżentat kontra s-SRB.

[8] Verżjoni mhux kunfidenzjali ta' din l-evalwazzjoni tista' tiġi aċċessata fis-sit internet https://www.bankingsupervision.europa.eu/ecb/pub/pdf/ssm.2017_FOLTF_ESPOP.en.pdf?ed492d2c6735d43ab422f25ed966d712.

[9] Ara s-subparagrafi 30 sa 33 tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament dwar is-SRM, li jistabbilixxu l-għodda ta' riżoluzzjoni disponibbli. F'dan il-każ, intużat l-għodda tal-bejgħ ta' operat (ara l-Artikolu 24 tar-Regolament dwar is-SRM), li taħtha l-ishma kollha eżistenti (Strumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni), u l-Istrumenti addizzjonali tal-Grad 1 ta' Banco Popular saritilhom valutazzjoni negattiva. L-Istrumenti tal-Grad 2 ġew ikkonvertiti f'ishma ġodda, li mbagħad kienu ttrasferiti lil Banco Santander għall-prezz ta' EUR 1.

[10] Ir-Renju ta' Spanja, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni, kif ukoll Banco Santander, intervjenew insostenn tas-SRB.

17. Din il-qorti kkonstatat li kien deċiżiv li l-Kummissjoni ma tistax teżerċita l-kompetenzi mogħtija lis-SRB billi temenda l-iskema ta' riżoluzzjoni jew l-effetti legali tagħha [11]. Dan għaliex l-approvazzjoni tal-Kummissjoni hija meħtieġa biss għall-aspetti diskrezzjonali tal-iskema ta' riżoluzzjoni, li għandha l-għan li tevita delega vera tas-setgħat fis-sens tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Meroni [12].

18. Biex tiċħad l-argument tal-Kummissjoni li l-iskema ta' riżoluzzjoni hija biss att preparatorju li hija ma għandha ebda obbligu tapprova, il-Qorti Ġenerali straħet fuq is-sentenza ABLV Bank *et* [13]. Hija għamlet distinzjoni bejn l-evalwazzjoni tal-BĊE dwar "il-falliment u l-possibbiltà ta' falliment" u l-iskema ta' riżoluzzjoni: fis-sentenza ABLV Bank *et*, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-ewwel evalwazzjoni ma toħloqx effetti legali għall-appellanti, filwaqt li l-iskema ta' riżoluzzjoni u l-implimentazzjoni tagħha fil-fatt tagħmel dan [14]. Il-Qorti Ġenerali kkorroborat din il-konklużjoni bil-fatt li għall-kuntrarju tas-setgħat tas-SRB fir-rigward tal-BĊE, il-Kummissjoni ma tistax tikkontesta l-aspetti purament tekniċi tal-iskema ta' riżoluzzjoni jew temendahom.

19. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ukoll l-argument tal-Parlament u tal-Kunsill li jgħid li l-Artikolu 86 tar-Regolament dwar is-SRM jirreferi biss għad-deċiżjonijiet tas-SRB li għalihom ma hijiex meħtieġa l-approvazzjoni tal-Kummissjoni. Hija spjegat li l-iskema ta' riżoluzzjoni ma tistax tiġi riveduta mill-Bord tal-Appell, u li ma hemm ebda eċċezzjoni oħra li teskludiha mis-setgħat ta' stħarriġ tal-qrati tal-Unjoni taħt l-Artikolu 86 tar-Regolament dwar is-SRM [15].

20. Finalment, il-Qorti Ġenerali għamlet riferiment għall-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva [16] biex tikkorrobora l-konstatazzjoni tagħha li l-iskema ta' riżoluzzjoni hija att li jista' jiġi kkontestat skont l-Artikolu 263 TFUE.

V. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

21. Permezz tal-appell tagħha ppreżentat fis-17 ta' Awwissu 2022, il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata, sa fejn il-Qorti Ġenerali ddikjarat li r-rikors għal annullament kien ammissibbli;

– tiddikjara r-rikors għal annullament ippreżentat fil-Kawża T-481/17 inammissibbli u, konsegwentement, tiċħdu fl-intier tiegħu;

– tordna lil Fundación Tatiana Pérez de Guzmán u lil SFL (ir-rikorrenti fl-ewwel istanza) iħallsu l-ispejjeż tal-Kummissjoni bħala parti minn din il-proċedura u l-ispejjeż fil-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.

11 Sentenza appellata, punt 132.

12 Sentenza appellata, punti 129 u 130, li jirreferu għas-sentenza tat-13 ta' Ġunju 1958, Meroni vs L-Awtorità Għolja (9/56, EU:C:1958:7).

13 Sentenza tas-6 ta' Mejju 2021, ABLV Bank *et* vs BĊE (C-551/19 P u C-552/19 P, EU:C:2021:369).

14 Sentenza appellata, punt 135, li jirreferi għas-sentenza tas-6 ta' Mejju 2021, ABLV Bank *et* vs BĊE (C-551/19 P u C-552/19 P, EU:C:2021:369, punt 66).

15 Sentenza appellata, punt 140.

16 Sentenza appellata, punti 145 sa 147.

22. Is-SRB jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell;

– tordna lill-Kummissjoni tħallas l-ispejjeż.

23. SFL titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell tal-Kummissjoni kontra s-sentenza appellata minħabba nuqqas ta' *locus standi*;

– alternattivament, tiċħad l-appell tal-Kummissjoni;

– tordna lill-Kummissjoni tħallas l-ispejjeż sostnuti f'dan l-appell.

24. Il-Parlament, li intervjena insostenn tal-Kummissjoni, jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tilqa' l-appell tal-Kummissjoni fl-intier tiegħu.

25. Il-Kunsill intervjena sa fejn huwa jaqbel li jiġi miċħud ir-rikors għal annullament tal-iskema ta' riżoluzzjoni abbażi tal-mertu.

26. Inżammet seduta fit-13 ta' Ġunju 2023, li fiha l-Parlament, il-Kunsill, il-Kummissjoni, SFL u s-SRB għamlu s-sottomissjonijiet orali tagħhom.

VI. Analiżi

27. Il-Kummissjoni tressaq tliet aggravji tal-appell. L-ewwel, hija targumenta li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonkludiet li l-iskema ta' riżoluzzjoni, kif adottata mis-SRB, tipproduċi effetti legali. It-tieni, il-Kummissjoni targumenta li l-Qorti Ġenerali ppermettiet kawża kontra l-konvenut żbaljat, u għaldaqstant kisret id-drittijiet ta' difiża tal-Kummissjoni. Finalment, il-Kummissjoni targumenta li r-raġunament tal-Qorti Ġenerali huwa kontradittorju.

28. Dawn it-tliet aggravji tal-appell jirriduċu ruħhom f'domanda waħda: kienet korretta l-Qorti Ġenerali li ssib li kawża li tikkontesta l-iskema ta' riżoluzzjoni ta' Banco Popular tista' titressaq kontra s-SRB? Għaldaqstant, ser nanalizza dawn l-aggravji flimkien.

29. L-analiżi tiegħi ser turi li l-Qorti Ġenerali kienet żbaljata. L-awtur legalment responsabbli għall-iskema ta' riżoluzzjoni huwa l-Kummissjoni u, f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża preżenti fejn il-Kummissjoni approvat l-iskema ta' riżoluzzjoni, ir-rikors għal annullament jista' jiġi ppreżentat biss kontra din l-istituzzjoni.

30. Din il-konklużjoni ssegwi mir-Regolament dwar is-SRM li permezz tiegħu l-leġiżlatur tal-Unjoni organizza l-proċedura ta' riżoluzzjoni u qassam il-kompiti lil atturi differenti. Madankollu, għall-kuntrarju ta' wieħed mill-argumenti tal-Kummissjoni, jiena m'iniex tal-fehma li d-duttrina Meroni timponi tali soluzzjoni [17].

[17] Għal spjegazzjoni ulterjuri ta' din id-duttrina, ara l-punt 76 iktar 'il quddiem.

31. Il-leġiżlatur tal-Unjoni seta' ddelega s-setgħa lis-SRB biex, b'mod indipendenti, jadotta skemi ta' riżoluzzjoni f'każijiet individwali taħt iċ-ċirkustanzi mogħtija fil-leġiżlazzjoni li tawtorizza dan u suġġett għall-istħarriġ ġudizzjarju. Madankollu, dan ma għamlux. L-għażla leġiżlattiva kienet, min-naħa l-oħra, li s-SRB ma jingħatax tali setgħa indipendenti, iżda li dan ikun suġġett ulterjorment għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

32. Biex nissostanzja l-konstatazzjonijiet tiegħi, ser nipproċedi bil-mod kif ġej. L-ewwel ser niddeskrivi s-SRB u r-rwol tiegħu, kif ukoll dawk tal-Kummissjoni u tal-Kunsill taħt ir-Regolament dwar is-SRM (Taqsima A.1.). Din ser turi li hemm erba' xenarji differenti sabiex il-proċedura ta' riżoluzzjoni tiħdol fis-seħħ (Taqsima A.2.). Imbagħad ser nispjega li d-duttrina Meroni fl-istat li fih tinsab illum ma kinitx teżiġi l-involviment tal-Kummissjoni jew tal-Kunsill fid-deċiżjonijiet adottati mis-SRB f'każijiet individwali (Taqsima B.1.). Imbagħad ser nuri li l-għażla leġiżlattiva biex isir dan, madankollu, tirrendi lill-Kummissjoni bħala l-awtriċi legalment responsabbli għall-iskema ta' riżoluzzjoni (Taqsima B.2.). Għaldaqstant, ir-rikorrenti għamlu żball meta indirizzaw ir-rikors tagħhom kontra s-SRB u l-Qorti Ġenerali żbaljat li tippermetti dan.

A. Fuq is-SRB u r-rwol ta' atturi differenti fil-proċedura ta' riżoluzzjoni

1. Dwar is-SRB

33. Il-premessa 31 tar-Regolament dwar is-SRM tgħidilna li s-SRB "għandu jkun aġenzija tal-Unjoni speċifika bi struttura speċifika, li tikkorrispondi għall-kompiti speċifiċi tiegħu, u li tkun ibbażata fuq il-mudell ta' kull aġenzija oħra tal-Unjoni"[18]. Is-SRB huwa wieħed minn iktar minn 35 aġenzija li teżisti fil-livell tal-Unjoni, kull waħda bl-istruttura, kompiti u setgħat speċifiċi tagħha. Kif ġie enfasizzat minn diversi studjużi, it-Trattati għadhom ma jikkunsidrawx b'mod adegwat dan il-proċess ta' "aġenzifikazzjoni"[19] li tiegħu s-SRB huwa biss manifestazzjoni waħda.

34. L-Artikolu 16(1) tar-Regolament dwar is-SRM jagħti s-setgħa lis-SRB biex jiddeċiedi jekk jipproċedix b'riżoluzzjoni. Is-SRB jibda proċedura ta' riżoluzzjoni wara li l-BĊE jistabbilixxi li xi istituzzjoni ta' kreditu qed tfalli jew x'aktarx li tfalli[20]. Madankollu, taħt ċerti ċirkustanzi, is-SRB jista' jwettaq ukoll l-evalwazzjoni tiegħu dwar il-falliment jew il-possibbiltà ta' falliment[21]. Għaldaqstant, għalkemm l-evalwazzjoni tal-BĊE, bħala prinċipju, tiskatta l-proċedura ta' riżoluzzjoni, is-SRB jista' jibdiha waħdu wkoll.

35. Is-SRB jista' jiddeċiedi li jipproċedi bir-riżoluzzjoni biss jekk dan ikun fl-interess pubbliku[22]. Jekk huwa jiddeċiedi li jipproċedi bir-riżoluzzjoni, is-SRB għandu jiddeċiedi wkoll dwar liema riżoluzzjoni għandha tintuża[23].

18 Waqt is-seduta, il-Parlament ġie mistoqsi jiċċara x'riedet tgħid din il-premessa. It-tweġiba kienet li l-iskop kien li tiċċara li s-SRB kellu iktar kompetenzi minn dawk li s-soltu jingħataw lill-aġenziji, mingħajr, madankollu, ma tbiddel il-fatt li s-SRB jifforma parti minn proċedura amministrattiva kumplessa. SFL iddikjarat waqt is-seduta li minħabba s-setgħa ta' riżoluzzjoni ċċentralizzata tas-SRB, dan huwa aġenzija mingħajr paragun.

19 L-"aġenzifikazzjoni" kien deskritt bħala proċess li permezz tiegħu s-setgħat pubbliċi jiġu ttrasferiti lil korpi speċjalizzati rregolati mid-dritt pubbliku, li huma separati mill-istituzzjonijiet leġiżlattivi jew eżekuttivi kif mifhuma tradizzjonalment. Verhoest, K., van Thiel, S., u De Vadder, S., "Agencification in Public Administration", *Oxford Research Encyclopaedia of Politics*, 2021, p. 2.

20 Il-BĊE jagħmel dan wara li jikkonsulta mas-SRB skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament dwar is-SRM.

21 *Ibid.*

22 Artikolu 18(5) tar-Regolament dwar is-SRM. Is-SRB ippubblika l-approċċ tiegħu fuq l-evalwazzjoni tal-interess pubbliku fl-2019. Ara <https://www.srb.europa.eu/system/files/media/document/2019-06-28_draft_pia_paper_v12.pdf>.

23 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 23 tar-Regolament dwar is-SRM.

36. Il-parteċipanti kollha fil-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja qablu li dawn l-għażliet tas-SRB huma ta' natura diskrezzjonali, suġġetti għall-kontroll mill-Kummissjoni [24].

37. Jekk is-SRB isib li r-riżoluzzjoni hija fl-interess pubbliku, fi żmien 12-il siegħa mit-trażmissjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni, il-Kummissjoni tista' tipproponi lill-Kunsill biex joġġezzjona għall-konstatazzjoni li r-riżoluzzjoni tissodisfa l-kriterju tal-interess pubbliku [25]. F'dan ir-rigward, id-diskrezzjoni tas-SRB hija limitata mill-Kummissjoni u mill-Kunsill.

38. Madankollu, jekk is-SRB jikkonstata li r-riżoluzzjoni ma hijiex fl-interess pubbliku, ir-Regolament dwar is-SRM ma jikkontemplax il-fatt li l-Kummissjoni jew l-Kunsill jistgħu ma jaqblux. Mingħajr l-intenzjoni li nippreġudika d-deċiżjoni futura tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward [26], jidhirli li l-kontestazzjoni ta' konstatazzjoni li riżoluzzjoni ma hijiex fl-interess pubbliku tista' titressaq biss kontra s-SRB, peress li dan huwa l-korp li jagħti d-deċiżjoni finali fuq il-kwistjoni.

39. Barra milli jiddeċiedi fuq jekk jipproċedix jew le bir-riżoluzzjoni, is-SRB għandu s-setgħa li jieħu numru ta' deċiżjonijiet individwali fil-proċedura ta' riżoluzzjoni [27].

40. Pereżempju, is-SRB iħejji pjanijiet ta' riżoluzzjoni [28] u joħroġ linji gwida u struzzjonijiet għall-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni biex jiżgura applikazzjoni effettiva u konsistenti tas-setgħat speċifiċi tiegħu taħt ir-Regolament dwar is-SRM [29]. Huwa għandu s-setgħa li jordna lill-istituzzjoni ta' kreditu jew lill-impriża omm biex tikkuntattja lix-xerrejja potenzjali fi stadju bikri, u li jeżiġi mingħand l-awtorità nazzjonali kompetenti li tħejji skema ta' riżoluzzjoni preliminari [30].

41. Is-SRB jiddeċiedi wkoll dwar min iwettaq valutazzjoni ġusta, prudenti u realistika tal-assi u obbligazzjonijiet ta' istituzzjoni ta' kreditu qabel ma jiddeċiedi fuq riżoluzzjoni, u jagħżel persuna indipendenti minn awtorità pubblika biex iwettaq din il-valutazzjoni [31]. Matul l-implimentazzjoni

24 It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(7) tar-Regolament dwar is-SRM

25 It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 18(7) tar-Regolament dwar is-SRM.

26 Il-kontenzjuż li jirrigwarda d-deċiżjoni tas-SRB biex ma jadottax skema ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' ABLV Bank jinsab pendenti. Inizjalment, ir-rikorrenti kkontestaw l-evalwazzjoni tal-BĊE dwar "il-falliment jew il-possibbiltà ta' falliment". Dawn ir-rikorsi ġew miċħuda mill-Qorti Ġenerali permezz ta' digrieti tas-6 ta' Mejju 2019, ABLV Bank vs BĊE (T-281/18, EU:T:2019:296), u tas-6 ta' Mejju 2019, Bernis *et* vs BĊE (T-283/18, EU:T:2019:295). Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat dawn id-digrieti fis-sentenzi tas-6 ta' Mejju 2021, ABLV Bank *et* vs BĊE (C-551/19 P u C-552/19 P, EU:C:2021:369), fejn iddeċidiet li l-evalwazzjoni tal-BĊE ma huwiex att li jista' jiġi kkontestat, iżda d-deċiżjoni tal-BĊE li ma jipproċedix bir-riżoluzzjoni hija att li tista' tiġi kkontestata. F'kontenzjuż relatat li mbagħad ikkontesta din id-deċiżjoni tas-SRB, il-Qorti Ġenerali laqgħet ir-rikors, iżda ċaħditu fil-mertu fis-sentenza tas-6 ta' Lulju 2022, ABLV Bank vs SRB (T-280/18, EU:T:2022:429). Din is-sentenza tinsab preżentament fl-appell fil-Kawża C-602/22 P, ABLV Bank vs SRB. Dan l-appell huwa l-okkażjoni perfetta għall-Qorti tal-Ġustizzja biex tittratta l-kwistjoni tad-diskrezzjoni tas-SRB meta jiddeċiedi dwar l-eżistenza tal-interess pubbliku fir-rigward tar-riżoluzzjoni.

27 Il-Kapitolu 2 tat-Titolu V tar-Regolament dwar is-SRM jistabbilixxi s-setgħat tas-SRB fir-rigward tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni, li ma huwiex rilevanti għal dan l-appell u ma huwiex ser jiġi ttrattat hawnhekk.

28 Artikolu 8(1) tar-Regolament dwar is-SRM.

29 Ara, pereżempju, l-Artikolu 8(3) u l-Artikolu 12(3) tar-Regolament dwar is-SRM.

30 Artikolu 13(3) tar-Regolament dwar is-SRM.

31 Artikolu 20(1) tar-Regolament dwar is-SRM. Skont l-Artikolu 20(15) tar-Regolament dwar is-SRM, il-valutazzjoni ma hijiex suġġetta għal dritt ta' appell separat, iżda tista' tiġi kkontestata mad-deċiżjoni tas-SRB (id-dispożizzjoni ma tispeċifikax liema deċiżjoni hija din, iżda wieħed jista' jiddeduċi li din hija l-iskema ta' riżoluzzjoni). Fil-fatt, fil-punt 141 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li din id-dispożizzjoni tikkonferma wkoll li l-iskema ta' riżoluzzjoni waħidha hija att li jista' jiġi kkontestat.

tar-riżoluzzjoni, is-SRB għandu setgħat ta' monitoraġġ u ta' għoti ta' struzzjonijiet fir-rigward tal-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni [32]. Finalment, is-SRB għandu setgħat investigattivi [33] u jista' jimponi pieni fuq entitajiet li ma jżommux mad-deċiżjonijiet ta' investigazzjoni [34].

42. L-iskema ta' riżoluzzjoni tas-SRB hija suġġetta għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni, jew għal ċerti kwistjonijiet, tal-Kunsill. Qabel tingħata tali approvazzjoni, l-iskema ta' riżoluzzjoni adottata mis-SRB ma hijiex vinkolanti legalment. Dan iwassalni għall-erba' xenarji possibbli biex skema ta' riżoluzzjoni tidħol fis-seħħ.

2. L-erba' xenarji possibbli wara li s-SRB jadotta skema ta' riżoluzzjoni

43. Il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 18(7) tar-Regolament dwar is-SRM jipprovdi li l-iskema ta' riżoluzzjoni "tista' tidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni fi żmien 24 siegħa wara t-trażmissjoni tagħha mill-Bord". Il-bqija tal-Artikolu 18(7) tar-Regolament dwar is-SRM jistabbilixxi erba' xenarji biex tidħol fis-seħħ l-iskema ta' riżoluzzjoni, li jinvolvu l-parteċipazzjoni tas-SRB, tal-Kummissjoni u potenzjalment tal-Kunsill.

44. Ir-riżoluzzjoni ta' Banco Popular tinvolvi l-ewwel xenarju biss. L-analiżi tiegħi li twassal għall-konklużjoni li l-Kummissjoni hija l-unika attriċi legalment responsabbli, li kontriha għandha titressaq l-azzjoni kontra skema ta' riżoluzzjoni, tapplika għal dan ix-xenarju. L-intenzjoni tiegħi ma hijiex li nipproponi soluzzjonijiet b'mod ġenerali, iżda jien inħoss li hija importanti li ssir distinzjoni bejn ix-xenarju preżenti minn dawk oħrajn. Dan jgħinna nifhmu aħjar ir-relazzjoni bejn il-Kummissjoni u s-SRB għas-soluzzjoni ta' din il-kawża.

a) Xenarju wieħed: l-iskema ta' riżoluzzjoni tas-SRB tiġi approvata mill-Kummissjoni

45. Il-Kummissjoni tista' tapprova l-iskema ta' riżoluzzjoni fi żmien 24 siegħa mit-trażmissjoni tagħha mis-SRB [35].

46. Dan huwa dak li ġara fir-riżoluzzjoni ta' Banco Popular. Il-Kummissjoni ma kellhiex oġġezzjonijiet u approvat espressament l-iskema ta' riżoluzzjoni fl-intier tagħha.

47. Peress li ma ġewx espressi oġġezzjonijiet f'dan ix-xenarju, l-iskema ta' riżoluzzjoni daħlet fis-seħħ [36].

48. Fir-riżoluzzjoni ta' Banco Popular, l-Artikolu 12.1 tal-iskema ta' riżoluzzjoni jipprovdi li hija għandha tidħol fis-seħħ fis-7 ta' Ġunju 2017 fis-6.30 am. Dan huwa l-mument meta l-Kummissjoni approvat l-iskema ta' riżoluzzjoni, iktar milli l-ħin ta' meta SRB ittrażmettiha lill-Kummissjoni (5.13 am).

[32] Artikoli 28 u 29 tar-Regolament dwar is-SRM.

[33] Skont l-Artikoli 34 sa 36 tar-Regolament dwar is-SRM, is-SRB jista' jagħmel talbiet għal informazzjoni, iwettaq investigazzjonijiet ġenerali u jagħmel spezzjonijiet fuq il-post.

[34] Artikoli 38 sa 41 tar-Regolament dwar is-SRM. Skont l-Artikolu 85(3) tar-Regolament dwar is-SRM, kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, inklużi l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali, jistgħu jappellaw kontra d-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell.

[35] It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(7) tar-Regolament dwar is-SRM.

[36] Il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 18(7) tar-Regolament dwar is-SRM.

49. Madankollu, f'dan il-kontenzjuż, ħarġu interpretazzjonijiet differenti dwar id-dħul fis-seħħ [37]. Minn naħa, il-Qorti Ġenerali osservat li l-Artikolu 12 tal-iskema ta' riżoluzzjoni pprovda għall-ħin ta' meta tidħol fis-seħħ, li wassalha biex tikkonkludi li l-iskema ta' riżoluzzjoni nnifisha hija att li kapaċi tidħol fis-seħħ [38]. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni targumenta li hija l-approvazzjoni tagħha li hija deċiżiva biex l-iskema ta' riżoluzzjoni tidħol fis-seħħ [39].

50. Kif ser nelabora taħt it-Taqsima B.2., mill-formulazzjoni u mill-istruttura tar-Regolament dwar is-SRM huwa ċar li f'dan ix-xenarju hija speċifikament l-approvazzjoni tal-Kummissjoni li tirrendi lill-iskema ta' riżoluzzjoni att legalment vinkolanti.

b) Xenarju tnejn: silenzju

51. It-tieni xenarju, deskritt mill-Kummissjoni waqt is-seduta bħala li huwa wieħed improbabbli ħafna, huwa li l-Kummissjoni tibqa' silenzjuża għal 24 siegħa wara t-trażmissjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni.

52. Wieħed jista' jargumenta li l-ħames subparagrafu tal-Artikolu 18(7) tar-Regolament dwar is-SRM jikkorrobora l-konklużjoni li tgħid li, fl-assenza ta' oġġezzjonijiet (anki fil-forma ta' silenzju assolut), l-iskema ta' riżoluzzjoni tidħol fis-seħħ mingħajr l-approvazzjoni mill-Kummissjoni.

53. Interpretazzjoni possibbli hija li, f'din is-sitwazzjoni, l-uniku att li jipproduċi effetti legali vinkolanti jkun l-iskema ta' riżoluzzjoni nnifisha. Dan imur kontra l-argument tal-Kummissjoni li l-approvazzjoni tagħha hija kundizzjoni essenzjali biex skema ta' riżoluzzjoni tidħol fis-seħħ.

54. Mod ieħor kif wieħed jista' jħares lejn dan ix-xenarju huwa li l-approvazzjoni tal-Kummissjoni hawnhekk hija taċita, u sservi wkoll bħala kundizzjoni neċessarja biex tidħol fis-seħħ l-iskema ta' riżoluzzjoni. Dan huwa dak li qed targumenta l-Kummissjoni fl-appell tagħha.

55. Jien nista' naqbel mal-Kummissjoni li dan ix-xenarju jista' assimilat mal-ewwel xenarju u li minkejja l-assenza ta' approvazzjoni espressa, il-kontestazzjoni għandha tiġi indirizzata lejn il-Kummissjoni bħala li hija legalment responsabbli mill-iskema ta' riżoluzzjoni.

56. Madankollu, wieħed għandu jkun kawt bl-assenza ta' azzjoni espressa mill-Kummissjoni, peress li dan jista' jinftiehem li r-rwol tagħha fl-approvazzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni ppreparata mis-SRB ma kienx ġenwin imma biss simboliku [40]. Peress li r-riżoluzzjoni ta' Banco

[37] Bir-riferiment fl-Artikolu 12(1) tal-iskema ta' riżoluzzjoni għall-Artikolu 18(6) tar-Regolament dwar is-SRM setgħet inħolqot xi ftit konfużjoni. Din id-dispożizzjoni tistabbilixxi l-kontenut tal-iskema ta' riżoluzzjoni, iżda mhux il-proċedura għad-dħul fis-seħħ tagħha (li minflok hija rregolata mill-Artikolu 18(7) tar-Regolament dwar is-SRM).

[38] Sentenza appellata, punt 117.

[39] Li wieħed jista' jgħid li dan jirriżulta mir-riferiment għaż-żmien ta' meta approvatha l-Kummissjoni, iktar milli meta s-SRB ittrażmettiha lill-Kummissjoni.

[40] Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-kawża pilota li ma kinitx appellata (sentenza tal-1 ta' Ġunju 2022, Algebris (UK) u Anchorage Capital Group vs Il-Kummissjoni (T-570/17, EU:T:2022:314, punt 122), li l-Kummissjoni għandha tapprova espressament l-iskema ta' riżoluzzjoni, għax inkella tmur kontra d-duttrina Meroni. Fid-dawl tal-pożizzjoni tiegħi dwar l-applikabbiltà tad-duttrina Meroni għas-SRB (ara t-Taqsima B.1. iktar 'il quddiem), ma naqbilx li s-sentenza Meroni timponi obbligu fuq il-Kummissjoni biex tapprova espressament skema ta' riżoluzzjoni.

Popular kienet l-ewwel waħda li qatt saret taħt ir-Regolament dwar is-SRM, huwa impossibbli li wieħed ikun jaf jekk il-Kummissjoni, fil-futur, tapprovax skemi ta' riżoluzzjoni b'mod taċitu. Għalissa, nistgħu biss nafdaw lill-Kummissjoni li mhux ser taġixxi b'dan il-mod [41].

c) Xenarju tlieta: il-Kummissjoni toġġezzjona għall-aspetti diskrezzjonali tal-iskema ta' riżoluzzjoni

57. Il-Kummissjoni tista' toġġezzjona għall-aspetti diskrezzjonali [42] tal-iskema ta' riżoluzzjoni [43]. F'dak il-każ, hija għandha tagħti r-raġunijiet għall-oġġezzjoni tagħha [44].

58. Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset li l-Kummissjoni ma tistax topponi jew temenda l-aspetti purament tekniċi tal-iskema ta' riżoluzzjoni [45]. Din il-qorti kkonkludiet, għaldaqstant, li l-iskema ta' riżoluzzjoni tipproduċi effetti legali indipendenti. Anki s-SRB adotta pożizzjoni simili fir-risposta tiegħu.

59. L-oġġezzjonijiet tal-Kummissjoni, fil-fatt, jistgħu jikkonċernaw biss kwistjonijiet diskrezzjonali. Madankollu, il-parti diskrezzjonali tal-iskema hija bbażata fuq konklużjonijiet mislutin mill-partijiet tagħha li ma humiex diskrezzjonali. Pereżempju, il-Kummissjoni jaf toġġezzjona għall-għażla tal-għodda ta' riżoluzzjoni proposta mis-SRB minħabba li hija tasal għal konklużjoni differenti mill-evalwazzjoni tal-bank.

60. F'dan ix-xenarju, is-SRB għandu tmien sigħat biex jimmodifika l-iskema ta' riżoluzzjoni skont ir-raġunijiet tal-Kummissjoni [46].

61. Fi kwalunkwe każ, kieku l-Kummissjoni toġġezzjona għall-iskema ta' riżoluzzjoni, din ma tkunx tista' tidħol fis-seħħ mingħajr ma jiġu inklużi dawn l-oġġezzjonijiet. Fil-fehma tiegħi, f'dan ix-xenarju jidher li huwa raġonevoli wkoll li l-Kummissjoni tinżamm responsabbli għall-iskema ta' riżoluzzjoni.

d) Xenarju erbgħa: il-parteċipazzjoni tal-Kunsill

62. Ir-riżoluzzjoni għandha tkun meħtieġa fl-interess pubbliku [47]. Barra minn hekk, ir-rikapitalizzazzjoni interna hija għodda waħda ta' riżoluzzjoni, li għaliha jistgħu jintużaw il-fondi mill-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (iktar 'il quddiem il-"Fond") [48]. Dawn huma ż-żewġ aspetti tal-iskema ta' riżoluzzjoni suġġetti għall-kontroll tal-Kunsill.

41 Tħassib li jirriżulta mis-silenzju huwa li dan jista' jirrendi lill-Kummissjoni bla saħħa u subordinata għas-SRB. Ara Adamski, D., "The ESMA doctrine: a constitutional revolution and the economics of delegation", *European Law Review* 812, Vol. 39(4), 2014, p. 817 sa 818 (li jargumenta li l-fatt li prinċipal jistrieħ fuq il-perizja teknika u professjonali tal-aġent tiegħu joħloq ir-riskju ta' asimmetrija fl-informazzjoni, li twassal lill-aġent biex finalment jagħmel għażliet ta' politika li l-prinċipal sempliċiment jittimbra).

42 Waqt is-seduta, il-parteċipanti fl-appell għamlu riferiment għall-għażla tal-għodda ta' riżoluzzjoni, il-konformità mal-għanijiet tar-riżoluzzjoni, u kwalunkwe aspett mhux tekniku ieħor tal-proċedura ta' riżoluzzjoni.

43 It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(7) tar-Regolament dwar is-SRM. Dan b'esklużjoni ta' (i) l-evalwazzjoni dwar l-interess pubbliku u (ii) l-ammont li għandu jintuża mill-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni. Jekk il-Kummissjoni ssib problema f'xi waħda minn dawn, hija għandha tipproponi lill-Kunsill biex joġġezzjona (it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 18(7) tar-Regolament dwar is-SRM). Ser nittratta din is-sitwazzjoni fix-xenarju erbgħa.

44 Is-sitt subparagrafu tal-Artikolu 18(7) tar-Regolament dwar is-SRM.

45 Sentenza appellata, punti 132 u 137.

46 Is-seba' subparagrafu tal-Artikolu 18(7) tar-Regolament dwar is-SRM. Il-kwistjoni dwar jekk il-Kummissjoni għandhiex tikkonferma mill-ġdid l-iskema emendata ma hijiex irregolata bil-liġi.

47 Artikolu 18(1)(c) tar-Regolament dwar is-SRM.

48 Artikolu 27 tar-Regolament dwar is-SRM. Din l-għodda ma ntużatx fir-riżoluzzjoni ta' Banco Popular. Ġiet inkluża fl-analiżi għall-finijiet ta' kompletezza.

63. Fi żmien 12-il siegħa mit-trażmissjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni [49], Il-Kummissjoni tista' tipproponi lill-Kunsill biex, l-ewwel, joġġezzjona għall-iskema ta' riżoluzzjoni jekk ir-riżoluzzjoni ma hijiex fl-interess pubbliku; jew, it-tieni, japprova jew joġġezzjona għall-proposta tal-Kummissjoni għal modifika materjali tal-ammont tal-Fond li għandu jintuża.

64. F'dan ix-xenarju, il-Kunsill jaġixxi b'maġġoranza sempliċi [50] u għandu jipprovdi r-raġunijiet għall-eżerċizzju tas-setgħa ta' oġġezzjoni tiegħu [51].

65. Fejn il-Kunsill joġġezzjona għall-eżistenza ta' interess pubbliku, l-entità rilevanti għandha tiġi stralċjata skont id-dritt nazzjonali [52]. Għaldaqstant, il-Kunsill għandu s-setgħa li jwaqqaf ir-riżoluzzjoni kompletament.

66. Fejn il-Kunsill japprova l-proposta tal-Kummissjoni għal oġġezzjoni jew għal modifika tal-użu tal-Fond, is-SRB għandu jimmodifika l-iskema ta' riżoluzzjoni fi żmien tmien sigħat [53].

67. B'mod simili għat-tielet xenarju, il-Kummissjoni tressaq l-oġġezzjonijiet, imma b'differenza minn dak ix-xenarju, hija ma tistax timponihom fuq is-SRB mingħajr il-qbil tal-Kunsill. Għaldaqstant hemm diversi żviluppi ulterjuri: il-Kunsill jista' jaqbel ma', imma jista' wkoll jiċħad il-pożizzjoni tal-Kummissjoni, u għaldaqstant jaqbel mal-iskema oriġinali tas-SRB.

68. X'inhu l-att li jista' jiġi kkontestat f'dan ir-raba' xenarju? Jekk il-pożizzjoni tal-Kunsill twassal għaċ-ċaħda tal-iskema ta' riżoluzzjoni (pereżempju, minħabba l-assenza ta' interess pubbliku), l-uniku att li jista' jiġi kkontestat huwa l-pożizzjoni tal-Kunsill. L-iskema ta' riżoluzzjoni ma teżistix f'tali xenarju.

69. Madankollu, jekk il-Kunsill ma jaqbilx mal-Kummissjoni u jikkonferma li r-riżoluzzjoni hija fl-interess pubbliku, l-iskema tista' tidħol fis-seħħ. Anki minkejja li ma ġietx approvata mill-Kummissjoni. Min għandu jkun il-konvenut f'rikors li jikkontesta tali skema: il-Kunsill biss? Il-Kunsill u l-Kummissjoni flimkien? Tqum domanda simili jekk l-ammont tal-Fond li għandu jintuża jiġi emendat mingħajr il-qbil bejn il-Kunsill u l-Kummissjoni.

70. Ir-Regolament dwar is-SRM ma jgħid xejn fuq dawn il-kwistjonijiet.

71. Għal darba oħra, mingħajr intenzjoni li nipprekludi soluzzjoni differenti meta tqum kwistjoni konkreta, b'evalwazzjoni ta' dawn is-sitwazzjonijiet b'mod astratt, jiena inklinat nikkonkludi li l-Kummissjoni għandha dejjem tkun involuta fil-kontestazzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni (flimkien mal-Kunsill jew anki waħidha). Kif ser nispjega taħt it-Taqsima B.2., il-livell li bih tipparteċipa l-Kummissjoni fil-proċedura ta' riżoluzzjoni, għall-kuntrarju ta' dak tal-Kunsill, tiffavorixxi tali pożizzjoni.

[49] It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 18(7) tar-Regolament dwar is-SRM.

[50] Ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 18(7) tar-Regolament dwar is-SRM.

[51] Is-sitt subparagrafu tal-Artikolu 18(7) tar-Regolament dwar is-SRM.

[52] Artikolu 18(8) tar-Regolament dwar is-SRM.

[53] Is-seba' subparagrafu tal-Artikolu 18(7) tar-Regolament dwar is-SRM.

B. Il-Kummissjoni hija legalment responsabbli għall-iskema ta' riżoluzzjoni ta' Banco Popular

72. Kif ingħad qabel, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat ir-Regolament dwar is-SRM meta kkonstatat li l-iskema ta' riżoluzzjoni ta' Banco Popular huwa att attribwibbli lis-SRB, iktar milli lill-Kummissjoni. Għaldaqstant, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' l-appell u tannulla s-sentenza appellata. Madankollu, l-argumenti tiegħi ma humiex eżatt l-istess bħal dawk tal-Kummissjoni.

73. L-iktar importanti, ma naqbilx mal-argument tal-Kummissjoni li jgħid li d-duttrina Meroni teżiġi li l-iskema ta' riżoluzzjoni tkun attribwita lill-Kummissjoni. Madankollu, tali interpretazzjoni ssegwi, minflok, mill-formulazzjoni u mill-istruttura tar-Regolament dwar is-SRM.

74. Qabel ma nippreżenta r-raġunijiet għal tali interpretazzjoni tar-Regolament dwar is-SRM (2), ser nispjega l-ewwel kif id-duttrina Meroni għandha tinftiehem illum (1).

1. Delega tas-setgħat diskrezzjonali: minn Meroni *għal* ESMA

75. Wieħed mill-argumenti li fuqu tibbaża ruħha l-Kummissjoni f'dan l-appell huwa li jekk s-SRB jingħata setgħat diskrezzjonali, dan imur kontra d-duttrina Meroni u l-prinċipju ta' bilanċ istituzzjonali[54]. Ħarsa lejn l-istorja leġiżlattiva turi li, wara l-intervent tal-Kunsill fil-proċedura leġiżlattiva[55], is-SRB ma ngħatax is-setgħa li jipproduċi effetti legali vinkolanti għall-individwi. Dan kien meqjus meħtieġ biex tiġi żgurata l-konformità mad-duttrina Meroni.

76. Id-duttrina hija msemmija għas-sentenza fil-kawża Meroni, li ngħatat fl-1958[56]. Dak iż-żmien, ma kienx hemm il-Kummissjoni kif nafuha llum, iżda l-Awtorità Għolja tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar. L-Awtorità Għolja ddelegat is-setgħat dwar it-tħaddim finanzjarju tal-iskema ta' ruttam lil korp privat. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Awtorità Għolja kienet awtorizzata biss tassenja setgħat eżekuttivi ddefiniti b'mod speċifiku, li jridu jkunu kompletament taħt is-superviżjoni tal-Awtorità Għolja[57].

[54] Huwa dibattibbli jekk ir-raġunament li fuqu hija bbażata s-sentenza Meroni kienx biss biex jissalvagwardja l-bilanċ istituzzjonali, jew jekk kienx ukoll biex jippermetti l-istħarriġ ġudizzjarju. Għal opinjoni li tgħid li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Meroni kienet iggwidata minn dawn iż-żewġ raġunijiet, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jääskinen fil-kawża Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill u Il-Parlament (C-270/12, EU:C:2013:562, punt 64). Ara wkoll, Chamon, M., "EU Agencies between Meroni and Romano or the Devil and the Deep Blue Sea", *Common Market Law Review*, Vol. 48, 2011, p. 1055, f'p. 1058 u 1059 (fejn huwa jargumenta li ma huwiex iġġustifikat li l-bilanċ tas-setgħat li jirriżulta mis-sentenza Meroni jitqies ekwivalenti għall-bilanċ istituzzjonali introdott fl-1990, peress li l-ewwel wieħed għandu jitqies, minflok, bħala li jagħmel riferiment għas-sistema ta' protezzjoni ġudizzjarja taħt it-Trattat).

[55] Is-Servizz Legali tal-Kunsill qies il-proposta oriġinali bħala li hija wiesgħa wisq u mhux preċiża, peress li kienet tippermetti lis-SRB jiddeċiedi kwistjonijiet li ma humiex sempliċiment ta' natura teknika u għaldaqstant kontra d-duttrina Meroni. Ara l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Opinjoni tas-Servizz Legali dwar id-Delega ta' Setgħat lis-SRB, Brussell, 7 ta' Ottubru 2013, Dok. Nru. 14547/13, p. 17 u 26 (iktar 'il quddiem l-"Opinjoni tas-SLK dwar id-delega"). Ara wkoll il-premessa 24 tar-Regolament dwar is-SRM, fejn il-ġustifikazzjoni għall-involviment tal-Kummissjoni u tal-Kunsill issegwi l-interpretazzjoni tad-duttrina Meroni espressa fl-Opinjoni tas-SLK dwar id-delega.

[56] Sentenza tat-13 ta' Ġunju 1958, Meroni vs L-Awtorità Għolja (9/56, EU:C:1958:7).

[57] Sentenza tat-13 ta' Ġunju 1958, Meroni vs L-Awtorità Għolja (9/56, EU:C:1958:7, f'p. 152).

77. Is-sentenza Meroni saret il-kejl biex tiġi evalwata d-delega tas-setgħat fid-dritt tal-Unjoni [58]. Spiss tinftiehem li timponi regola li tgħid li setgħat diskrezzjonali ma jistgħux jiġu ddelegati [59].

78. Madankollu, ma jkunx jaqbel mar-realtà tal-lum jekk wieħed jipprekludi d-delega ta' setgħat diskrezzjonali lil kwalunkwe korp ħlief lill-Kummissjoni [60]. Ħafna aġenziji stabbiliti fil-livell tal-Unjoni għandhom is-setgħa li jadottaw deċiżjonijiet legalment vinkolanti li jirriżultaw neċessarjament minn ċerta livell ta' diskrezzjoni [61].

79. Lord Diplock offra definizzjoni ta' diskrezzjoni li jiena nsib utli u applikabbli fil-kuntest tal-Unjoni: "Il-kunċett proprju ta' diskrezzjoni amministrattiva jinvolvi d-dritt li wieħed jagħżel minn iktar minn mod ta' azzjoni wieħed li fuqu persuni raġonevoli jkollhom l-ispazju biex iħaddnu opinjonijiet differenti dwar liema minnhom għandha tiġi ppreferuta" [62].

80. Id-diskrezzjoni neċessarjament tifforma parti mit-tfassil tar-regoli: l-adozzjoni ta' regoli li jkunu vinkolanti b'mod ġenerali taħt l-istess kundizzjonijiet, li jirriżultaw mill-għażliet ta' politika. Tali setgħa qiegħda dejjem iktar tiġi ddelegata lill-eżekuttiv [63]. Fl-Unjoni, l-adozzjoni ta' regoli ġenerali tista' tiġi ddelegata biss lill-Kummissjoni [64]. Jista' jiġi argumentat li t-tfassil ta' regoli fl-Unjoni għandu jibqa' f'idejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

81. Id-diskrezzjoni hija, madankollu, preżenti fit-teħid ta' deċiżjonijiet individwali wkoll [65]. Il-fatt li ċerta regola tiġi applikata għal sensiela individwali ta' fatti rarament, jekk qatt, ikun awtomatiku [66]; normalment dan ikun jinvolvi li jsiru għażliet. Tali teħid ta' deċiżjonijiet diskrezzjonali f'każijiet individwali huwa ggwidat u limitat b'regoli ġenerali ġerarkikament ogħla.

58 Il-qari konvenzjonali tas-sentenza Meroni jista' jidher bħala li huwa riżultat tal-fatt li l-iskop ta' dik id-deċiżjoni jinsab f'li jrid jiġi ppreservat il-bilanċ istituzzjonali, fejn din il-konklużjoni tinstilet mir-riferiment tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-bilanċ tas-setgħat. Ara Chamon, iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 54, p. 1058 u 1059. Ara wkoll l-Opinjoni tas-SLK dwar id-delega, p. 3 sa 5.

59 Sentenza tat-13 ta' Ġunju 1958, Meroni vs L-Awtorità Għolja (9/56, EU:C:1958:7, f'p. 154). Chamon iżżid sitt konsegwenzi oħra mis-sentenza Meroni identifikati fil-letteratura: "(1) l-awtorità li tiddelega ma tistax tiddelega setgħat iktar minn dawk li hija għandha; (2) l-awtorità li tiddelega għandha tiżgura li jkun hemm skrutinju kontinwu; (3) id-delega ma tistax tkun impliċita imma trid tkun stabbilita b'mod espliċitu; (4) għandha tiġi żgurata superviżjoni ġudizzjarja kontinwa; (5) il-bilanċ istituzzjonali ma għandux ikun maqlub; u (6) id-delega għandha fil-fatt tkun meħtieġa sabiex jitwettqu l-kompiti kkonċernati". Chamon, M., "The Empowerment of Agencies under the Meroni Doctrine and Artikolu 114 TFEU: Comment on United Kingdom v Parliament and Council (Short-selling) and the Proposed Single Resolution Mechanism", *European Law Review*, Vol. 39(3), 2014, 380, f'p. 382.

60 Simoncini, M., "'Live and let die?' The Meroni doctrine in 2023" disponibbli fis-sit internet https://eulawlive.com/op-ed-live-and-let-die-the-meroni-doctrine-in-2023-by-marta-simoncini/.

61 L-Opinjoni tas-SLK dwar id-Delega ssemmi lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, lill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, bħalma hija l-Awtorità Bankarja Ewropea, u ESMA (p. 5, nota ta' qiegħ il-paġna 11). Jekk induru fuq l-Artikolu 58a tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, nistgħu insibu tal-inqas erba' uffiċċji u aġenziji oħra li jieħdu deċiżjonijiet individwali li, wara proċeduri ta' stħarriġ interni, huma direttament suġġetti għal stħarriġ mill-qrati tal-Unjoni: l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, u l-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea. B'mod interessanti, il-proposta għal emenda tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tinkludi bidla fl-Artikolu 58a, li żżid mal-lista ta' aġenziji lis-SRB ukoll. Ara l-Artikolu 3 tal-Proposta ta' Regolament li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Disponibbli fis-sit internet https://curia.europa.eu/jcms/jcms/p1_3866197/mt/.

62 Secretary of State for Education and Science vs Tameside MBC [1976] UKHL 6, p. 17. Ara wkoll, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Emiliou fil-kawża BĊE vs Crédit lyonnais (C-389/21 P, EU:C:2022:844, punt 44).

63 Galligan, D.J., "Arbitrariness and Formal Justice in Discretionary Decisions", f'Galligan D.J., (Ed), *Essays in Legal Theory: A Collaborative Work*, Melbourne University Press, 1984, p. 145.

64 Artikolu 290(1) TFEU jipprovdi wkoll li permezz ta' delega l-Kummissjoni tista' biss tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali tal-att leġiżlattiv.

65 Għal analiżi klassika tad-diskrezzjoni involuta fit-teħid ta' deċiżjonijiet amministrattivi, ara Galligan, D.J., *Discretionary Powers: A Legal Study of Official Discretion*, Clarendon Press, 1986, stampat mill-ġdid fl-2011.

66 Indipendentement mil-livell ta' għarfien tekniku jew ta' perizja, min jieħu d-deċiżjonijiet qatt ma huwa sempliċiment "la bouche de la loi", biex nuża kliem Montesquieu. Ara wkoll, Mendes, J., "Bounded Discretion in EU Law: A Limited Judicial Paradigm in a Changing EU", *Modern Law Review*, Vol. 80(3), 2017, 443.

82. Il-liġi fuq id-delegazzjoni fl-Unjoni ma waqfitx tiżviluppa fl-1958. L-argument tiegħi huwa li d-duttrina Meroni titlob distinzjoni bejn id-delega tas-setgħat ta' tfassil ta' regoli u s-setgħa diskrezzjonali biex jiġu adottati deċiżjonijiet individwali. Dawk tal-ewwel ma jistgħux jiġu ddelegati lil aġenziji. Għall-kuntrarju, tal-aħħar tista' tiġi ddelegata, iżda l-eżerċizzju ta' tali setgħat għandhom ikunu limitati suffiċjentement bl-att li jawtorizzahom.

83. Dan jirriżulta mill-ġurisprudenza żviluppata wara s-sentenza Meroni.

84. L-ewwel kawża ta' rilevanza hija Romano [67]. F'dik il-kawża, il-Kummissjoni Amministrattiva dwar is-Sigurtà Soċjali tal-Ħaddiema Migranti (iktar 'il quddiem il-"Kummissjoni Amministrattiva") kienet ingħatat is-setgħa mill-Kunsill biex tiffissa r-rati ta' konverżjoni għall-korpi nazzjonali biex jistabbilixxu l-ammonti dovuti lil persuna biex tirkupra d-differenza bejn il-livelli ta' intitolament għall-pensjoni mingħand iktar minn Stat Membru wieħed.

85. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li korp bħalma hija l-Kummissjoni Amministrattiva ma setgħetx tingħata is-setgħa li tadotta "atti li għandhom saħħa ta' liġi" [68]. Il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet riferiment għall-Artikolu 155 tat-Trattat KEE, li rregola s-setgħat tal-Kummissjoni. Wieħed jista' jargumenta, imbagħad, li l-iżball tal-Kunsill kien li huwa ma ddelegax din is-setgħa lill-Kummissjoni [69]. Biex waslet għal din il-konklużjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet riferiment għall-Artikoli 173 u 177 tat-Trattat KEE [illum l-Artikoli 263 u 267 TFUE], li dak iż-żmien ma kinux isemmu l-istħarriġ ġudizzjarju kontra deċiżjonijiet ta' korpi bħalma hija l-Kummissjoni Amministrattiva.

86. Bħala konsegwenza, ir-rata ta' konverżjoni ffissata mill-Kummissjoni Amministrattiva ma kinitx vinkolanti fuq korpi nazzjonali meta huma ddeterminaw l-ammonti tal-pensjoni li għandha titħallas.

87. Il-kawża rilevanti li jmiss hija ESMA, magħrufa ukoll bħala l-kawża dwar il-Bejgħ bin-Nieqes [70]. L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (iktar 'il quddiem "ESMA") ġiet imwaqqfa bħala parti mir-risposta tal-Unjoni għall-kriżi finanzjarja, bil-għan li ssaħħaħ is-superviżjoni tas-swieq finanzjarji fil-livell tal-Unjoni [71]. Fl-2012, l-ESMA ingħatat ukoll is-setgħa li tieħu deċiżjonijiet li jikkonċernaw lill-operaturi individwali fis-suq, fejn hija tqis li kien hemm "theddida għall-funzjonament ordinat u l-integrità tas-swieq finanzjarji jew għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja kollha jew parti minnha fl-Unjoni" [72].

88. Ir-Renju Unit talab l-annullament tad-dispożizzjoni li tagħti din is-setgħa lill-ESMA. Huwa argumenta li nkisru d-duttrini Meroni u Romani, peress li l-ESMA kienet ingħatat setgħat diskrezzjonali biex tordna miżuri b'saħħa ta' liġi. Barra minn hekk, ir-Renju Unit argumenta li l-Artikoli 290 u 291 TFUE kienu jirregolaw b'mod eżawrjenti d-delegazzjoni u l-implimentazzjoni fid-dritt tal-Unjoni, u jeskludu li tali setgħat jingħataw lill-aġenziji [73].

67 Sentenza tal-14 ta' Mejju 1981, Romano (98/80, EU:C:1981:104).

68 *Ibid.*, punt 20.

69 Ara Chamon, iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 54, p. 1063.

70 Sentenza tat-22 ta' Jannar 2014, Ir-Renju Unit vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-270/12, EU:C:2014:18).

71 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jääskinen fil-kawża Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill u Il-Parlament (C-270/12, EU:C:2013:562, punt 2).

72 Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 dwar bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti tas-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu (ĠU 2012, L 86, p. 1).

73 Barra minn hekk, ir-Renju Unit argumenta li l-Artikolu 114 TFUE kienet bażi legali żbaljata. L-Avukat Ġenerali Jääskinen qabel u ppropona lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tilqa' r-rikors tar-Renju Unit fuq din il-bażi. Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jääskinen fil-kawża Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill u Il-Parlament (C-270/12, EU:C:2013:562, punti 6 u 48 sa 53). Il-Qorti tal-Ġustizzja ma qablitx.

89. Il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza ESMA ittrattat ir-rekwiżiti tas-sentenza Meroni fil-kuntest tat-Trattat ta' Lisbona, u kkonkludiet li dak li għadu pprojbit huwa l-għoti ta' "marġni ta' diskrezzjoni wiesgħa" lil aġenzija [74]. Hija kkonstatat li s-setgħat mogħtija lil ESMA huma, madankollu, iddelineati b'mod preċiż u jistgħu jiġu mistħarrġa ġudizzjarjament. ESMA għandha s-setgħa li taġixxi biss meta jkun hemm "theddida għall-funzjonament ordinat u l-integrità tas-swieq finanzjarji jew għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja kollha jew parti minnha fl-Unjoni u jkun hemm implikazzjonijiet transfruntieri" [75].

90. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma qisitx rilevanti li d-determinazzjoni proprja ta' dawn il-kunċetti wesgħin tista' minnha nfisha tinvolvi l-użu ta' diskrezzjoni [76]. Minflok, hija għamlet enfasi fuq il-bżonn li ESMA tuża perizja teknika u professjonali speċifika [77]. Flimkien mal-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidratha bħala li hija limitazzjoni suffiċjenti għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' ESMA, hija sabet li l-projbizzjoni stabbilita fis-sentenza Meroni kontra d-delega ta' setgħat diskrezzjonali ma nkisritx.

91. Il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat imbagħad is-sentenza Romano. Wara l-proposta tal-Avukat Ġenerali Jääskinen [78], il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li peress li llum l-Artikoli 263 u 267 TFUE jippermettu espressament l-istħarriġ ġudizzjarju ta' atti ta' aġenziji, il-limitazzjoni li tirriżulta mis-sentenza Romano ma għadhiex tapplika [79].

92. Fit-teħid ta' deċiżjoni individwali li tikkonċerna operatur speċifiku fis-suq, indipendentement mil-limitazzjonijiet tad-dispożizzjoni li tawtorizza tali deċiżjoni, ESMA ċertament eżerċitat diskrezzjoni. Wara s-sentenza fil-kawża ESMA, għaldaqstant, nikkonkludi li d-delega ta' diskrezzjoni lill-aġenziji fir-rigward ta' teħid ta' deċiżjoni individwali hija permissibbli, sakemm din tkun suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju.

93. B'mod ġenerali, huwa possibbli li jiġi konkluż mis-sentenzi Romano u ESMA li s-setgħa biex jiġu ppromulgati atti applikabbli b'mod ġenerali ma tistax tiġi ddelegata lill-aġenziji, iżda li l-aġenziji jistgħu jingħataw setgħat eżekuttivi ddelineati b'mod ċar li jistgħu jkunu suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju [80].

94. Għaldaqstant, l-għoti tas-setgħa lis-SRB biex jiddeċiedi fuq skema ta' riżoluzzjoni mingħajr l-approvazzjoni tal-Kummissjoni ma tmurx kontra d-duttrina Meroni. Ir-Regolament dwar is-SRM jillimita u jiggwida b'mod suffiċjentement preċiż l-eżerċizzju tas-setgħat tas-SRB: is-SRB jista' jipproċedi bir-riżoluzzjoni biss jekk isib li hija fl-interess pubbliku. Din il-konstatazzjoni hija

74 Sentenza tat-22 ta' Jannar 2014, Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill u Il-Parlament (C-270/12, EU:C:2014:18, punt 42).

75 *Ibid*., punti 46 u 47. Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jääskinen fil-kawża Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill u Il-Parlament (C-270/12, EU:C:2013:562, punt 42). Meta stabbilixxiet li d-diskrezzjoni tal-ESMA hija limitata b'mod sinjifikattiv, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet riferiment ukoll għall-obbligu tal-ESMA li tikkonsulta mal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku u tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, u biex tirrevedi l-miżura tagħha tal-inqas kull 3 xhur. Finalment, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li kien rilevanti li l-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti ddelegati biex tispeċifika l-kriterji u l-fatturi li l-ESMA trid tieħu inkunsiderazzjoni meta jqumu ċerti avvenimenti jew żviluppi u theddid (punti 50 u 51).

76 Għal kritika dwar dan il-punt, ara Mendes, iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 66, p. 447 u 448; Chamon, iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 59, p. 393.

77 Sentenza tat-22 ta' Jannar 2014, Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill u Il-Parlament (C-270/12, EU:C:2014:18, punti 52, 82 u 85).

78 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jääskinen fil-kawża Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill u Il-Parlament (C-270/12, EU:C:2013:562, punti 74 u 88) (li argumenta li indipendentement mit-tibdil miġjub bit-Trattat ta' Lisbona fir-rigward tal-istħarriġ ġudizzjarju ta' atti ta' aġenziji u tal-kapaċità riżultanti biex jadottaw atti legalment vinkolanti – li bih irrenda s-sentenza Romano irrilevanti – l-att li jiddelega "għandu jipprovdi kriterji ċari biżżejjed biex jekk ikun hemm bżonn, is-setgħa implementattiva tkun tista' tiġi mistħarrġa ġudizzjarjament").

79 Sentenza tat-22 ta' Jannar 2014, Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill u Il-Parlament (C-270/12, EU:C:2014:18, punt 65).

80 Is-SRB ma huwiex l-ewwel aġenzija bis-setgħa li jieħu deċiżjonijiet diskrezzjonali f'każijiet individwali, mingħajr il-ħtieġa tal-approvazzjoni tal-Kummissjoni. Dwar dan, ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 61.

diskrezzjonali imma mhux arbitrarja, peress li r-Regolament dwar is-SRM jillimitaha għar-rekwiżit li hija tilħaq wieħed mill-għanijiet tar-riżoluzzjoni fl-Artikolu 14(2) tiegħu [81]. Barra minn hekk, huwa jeżiġi evalwazzjoni dwar jekk l-għanijiet ikunux ippreġudikati jekk il-bank jiġi llikwidat taħt id-dritt nazzjonali [82].

95. Dan iħalli spazju għal soluzzjonijiet differenti f'każijiet individwali, iżda l-għażliet ta' politika ewlenin kienu saru fir-Regolament dwar is-SRM: hemm sitwazzjonijiet elenkati fejn l-intervent fis-suq huwa meħtieġ, filwaqt li jitolbu eżerċizzju ta' bbilanċjar bejn ir-riżultati ta' meta l-bank jitħalla għal riħu fis-suq u ta' intervent mill-Unjoni. Barra minn hekk, kieku d-deċiżjoni individwali tħalliet għas-SRB waħdu, din kienet tkun suġġetta għall-istħarriġ ġudizzjarju mill-qrati tal-Unjoni.

96. Jekk is-setgħa li jadotta deċiżjonijiet diskrezzjonali individwali tiġi ddelegata lis-SRB, dan ikun konformi mal-istandards introdotti mis-sentenza Meroni sas-sentenza ESMA anki mingħajr ma tkun meħtieġa l-approvazzjoni tal-Kummissjoni għad-dħul fis-seħħ tal-iskema ta' riżoluzzjoni.

97. Madankollu, dan ma huwiex il-mod kif il-leġiżlatur tal-Unjoni organizza l-proċedura ta' riżoluzzjoni. Fit-taqsima li ġejja, ser nuri li l-għażliet leġiżlattivi fir-Regolament dwar is-SRM, u mhux id-duttrina Meroni, huma rilevanti biex jiġi deċiż dan l-appell.

2. Għaliex il-Kummissjoni hija legalment responsabbli għall-iskema ta' riżoluzzjoni ta' Banco Popular?

98. Il-konklużjoni li l-Kummissjoni hija legalment responsabbli għall-iskema ta' riżoluzzjoni u hija l-konvenuta xierqa f'rikors għal annullament, tirriżulta mill-formulazzjoni u mill-istruttura tar-Regolament dwar is-SRM. Għaldaqstant, dan huwa riżultat tal-għażla magħmula mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

99. Malli s-SRB jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu u jadotta skema ta' riżoluzzjoni, huwa għandu jittrażmetti din l-iskema għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

100. Din l-iskema ta' riżoluzzjoni tista' tidħol fis-seħħ *biss* jekk ma tkun ġiet espressa ebda oġġezzjoni mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill fi żmien 24 siegħa wara li tiġi trażmessa mis-SRB. Għaldaqstant huwa ċar li l-iskema ta' riżoluzzjoni kif adottata mis-SRB ma tistax issir att legalment vinkolanti mingħajr l-approvazzjoni tal-Kummissjoni (jew, f'ċerti sitwazzjonijiet, tal-Kunsill).

[81] L-għanijiet tar-riżoluzzjoni elenkati fih huma: "(a) li tiġi żgurata l-kontinwità tal-funzjonijiet kritiċi; (b) li jiġu evitati effetti avversi sinifikanti fuq l-istabbiltà finanzjarja, b'mod partikolari permezz tal-prevenzjoni tal-kontaġju, inkluż lill-infrastrutturi tas-suq, u billi tinżamm id-dixxiplina tas-suq; (c) li jiġu protetti l-fondi pubbliċi billi tiġi mminimizzata d-dipendenza fuq l-għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja; (d) li jiġu protetti d-depożitanti koperti mid-Direttiva 2014/49/UE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti (ĠU 2014, L 173, p. 149, rettifiki fil-ĠU 2014, L 212, p. 47 u fil-ĠU 2014, L 309, p. 37)] u l-investituri koperti mid-Direttiva 97/9/KE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 1997 dwar skemi ta' kumpens għall-investitur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 2, p. 311)]; (e) li jiġu protetti l-fondi u l-assi tal-klijenti".

[82] L-Artikolu 18(5) tar-Regolament dwar is-SRM jipprovdi li: "[…] azzjoni ta' riżoluzzjoni għandha tiġi ttrattata bħala fl-interess pubbliku jekk tkun neċessarja għall-kisba ta' objettiv ta' riżoluzzjoni wieħed jew aktar u hija proporzjonata magħhom kif speċifikat fl-Artikolu 14 u l-istralċ tal-entità skont proċedimenti normali ta' insolvenza ma jilħaqx dawn l-objettivi ta' riżoluzzjoni sal-istess punt".

101. Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet abbażi kemm tal-Artikolu 16(1)[83] u kif ukoll tal-Artikolu 47 tar-Regolament dwar is-SRM[84] li s-SRB huwa l-vera awtur tar-riżoluzzjoni, u għaldaqstant għandu jibda jkun il-konvenut fi proċeduri ta' annullament. Madankollu, il-leġiżlatur tal-Unjoni ħoloq il-proċedura ta' riżoluzzjoni b'mod li l-indipendenza tas-SRB fl-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni ma hijiex suffiċjenti biex tirrendieh l-awtur legali tal-att. Legalment, l-iskema ta' riżoluzzjoni ma tkunx teżisti jekk ma tkunx approvata mill-Kummissjoni.

102. Il-Kummissjoni targumenta, u jiena naqbel kompletament, li r-raġunament tal-Qorti Ġenerali kien kuntradittorju. Minn naħa, il-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet li l-approvazzjoni tal-Kummissjoni għall-iskema ta' riżoluzzjoni hija kundizzjoni neċessarja biex hija tidħol fis-seħħ[85]. Min-naħa l-oħra, hija ddeċidiet li l-iskema ta' riżoluzzjoni hija att li tista' tidħol fis-seħħ u tipproduċi effetti legali indipendenti[86].

103. F'dan il-każ, huwa ċar li l-iskema ta' riżoluzzjoni ma pproduċietx effetti legali indipendenti. Hija saret legalment vinkolanti biss mill-mument li fih il-Kummissjoni approvatha espressament.

104. Ftit mill-konfużjoni li hemm fis-sentenza appellata tirriżulta mill-fatt li, formalment, wieħed jista' jsib żewġ atti formali fil-proċedura ta' riżoluzzjoni: l-iskema ta' riżoluzzjoni adottata mis-SRB u l-approvazzjoni adottata mill-Kummissjoni. Jekk hemm żewġ atti formali, liema waħda tista' tiġi kkontestata?

105. Din hija domanda li tiżgwida. Il-kunċett ta' att li jista' jiġi kkontestat ma huwiex materja ta' forma, imma ta' sustanza. Id-domanda proprja hija, min-naħa l-oħra, x'qed jiġi kkontestat f'dan il-każ? Ovvjament, l-interess tar-rikorrenti huwa li tiġi annullata l-iskema ta' riżoluzzjoni nnifisha, jew partijiet minnha. Għalihom, l-approvazzjoni tal-Kummissjoni hija rilevanti biss inkwantu mingħajrha, ma jkunx hemm skema ta' riżoluzzjoni.

106. F'dan is-sens, l-approvazzjoni tal-Kummissjoni ma huwiex att indipendenti. Hija tirrigwarda skema ta' riżoluzzjoni kif ippreżentata mis-SRB u ma tagħmilx sens mingħajr il-kontenut tagħha. Għaldaqstant, għalkemm l-approvazzjoni tal-Kummissjoni hija twila biss nofs paġna, l-iskema ta' riżoluzzjoni hija s-suġġett tal-approvazzjoni, u għaldaqstant, parti integrali minn din id-deċiżjoni.

107. Bl-istess raġunament, l-iskema ta' riżoluzzjoni ma tistax tiġi mifruda mill-approvazzjoni tagħha, li mingħajrha hija ma tistax tibda teżisti. Ebda wieħed minn dawn iż-żewġ atti ma jista' jiġi kkontestat separatament.

108. Fil-fehma tiegħi, l-att li jista' jiġi kkontestat jista' jkun biss l-*iskema ta' riżoluzzjoni kif approvata mill-Kummissjoni*. Wieħed jista' jiddeskriviha wkoll bil-kontra: l-approvazzjoni tal-Kummissjoni hija att li jista' jiġi kkontestat, iżda l-iskema ta' riżoluzzjoni tifforma parti integrali minn din l-approvazzjoni.

109. Tibqa' d-domanda dwar min għandu jidher li legalment huwa l-awtur rilevanti ta' dawn l-atti inseparabbli.

[83] F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq l-Artikolu 16(1) tar-Regolament dwar is-SRM, fejn iddikjarat li s-SRB "għandu jiddeċiedi dwar riżoluzzjoni". Ara s-sentenza appellata, punti 116 u 120.

[84] L-Artikolu 47 tar-Regolament dwar is-SRM jipprovdi li s-SRB għandu jaġixxi b'mod indipendenti u fl-interess pubbliku (paragrafu 1) u la għandhom ifittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet minn istituzzjonijiet jew minn korpi tal-Unjoni (paragrafu 2). Minkejja l-indipendenza tas-SRB, taħt ir-Regolament dwar is-SRM il-Kummissjoni tingħata setgħat espliċiti biex tagħti effetti legalment vinkolanti lill-iskema ta' riżoluzzjoni.

[85] Il-Kummissjoni tagħmel riferiment għall-punti 127, 128 u 130 tas-sentenza appellata.

[86] Il-Kummissjoni tagħmel riferiment hawnhekk għall-punti 117, 120 u 127 tas-sentenza appellata.

110. Il-Kummissjoni targumenta f'dan ir-rigward li l-Qorti Ġenerali injorat kompletament il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-proċeduri kumplessi. Skont din il-ġurisprudenza, huwa biss l-att li jtemm il-proċedura sħiħa li jipproduċi effetti legali vinkolanti [87]. Kif issostni l-Kummissjoni, din il-ġurisprudenza hija applikabbli mhux biss għall-proċeduri vertikali kumplessi (fejn huma involuti kemm il-korpi tal-Unjoni u kif ukoll dawk nazzjonali), iżda wkoll għal dawk orizzontali, bħalma hija l-proċedura ta' riżoluzzjoni. Il-Kummissjoni targumenta għaldaqstant li l-approvazzjoni tagħha ġġib fi tmiemha l-proċedura ta' riżoluzzjoni u tikkostitwixxi, għaldaqstant, l-att li jista' jiġi kkontestat. Madankollu, dan huwa aċċettabbli biss jekk l-approvazzjoni ma tiġix mifruda mill-att li hija tapprova.

111. Din il-ġurisprudenza tgħidilna li l-*awtur* legalment rilevanti ta' att huwa l-korp li d-deċiżjoni tiegħu ġġib fi tmiemha l-proċedura. Peress li l-proċedura tintemm bl-approvazzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni, dan il-korp huwa l-Kummissjoni [88].

112. Permezz tal-approvazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tapprova l-iskema ta' riżoluzzjoni sħiħa, kemm fl-aspetti tekniċi tagħha kif ukoll dawk diskrezzjonali. Kif argumentat b'mod korrett il-Kummissjoni waqt is-seduta, dawn l-aspetti huma interdipendenti u inseparabbli.

113. Ma hemm xejn fil-formulazzjoni tar-Regolament dwar is-SRM li jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tapprova biss il-partijiet diskrezzjonali tal-iskema ta' riżoluzzjoni. Pjuttost bil-kontra. It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(7) tar-Regolament dwar is-SRM jgħid li "[]l-Kummissjoni għandha jew tapprova *l-iskema ta' riżoluzzjoni*, jew toġġezzjonaha *fir-rigward tal-aspetti ta' diskrezzjoni* tal-iskema ta' riżoluzzjoni […]" [89]. Għaldaqstant, għall-kuntrarju ta' oġġezzjoni, li hija intiża biss kontra l-aspetti diskrezzjonali, l-approvazzjoni tikkonċerna l-iskema ta' riżoluzzjoni fl-intier tagħha.

114. Il-Qorti Ġenerali kienet għaldaqstant żbaljata li tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq is-setgħa tal-Kummissjoni li toġġezzjona biss għall-aspetti diskrezzjonali ta' skema ta' riżoluzzjoni [90]. Il-partijiet mhux diskrezzjonali huma fattwali, u jistgħu jkunu ħżiena, imma ma humiex kwistjoni ta' għażla. Meta l-Kummissjoni tapprova l-iskema ta' riżoluzzjoni, hija tapprova neċessarjament il-konstatazzjonijiet fattwali li abbażi tagħhom saru l-għażliet diskrezzjonali.

115. Wara l-approvazzjoni tal-Kummissjoni, l-iskema ta' riżoluzzjoni tibda tipproduċi effetti legali għal terzi u l-Kummissjoni ssir legalment responsabbli għall-iskema ta' riżoluzzjoni kollha kemm hi. Għaldaqstant, ma huwiex meħtieġ li s-SRB jiġi inkluż bħala kokonvenut.

116. Biex tikkorrobora l-argument tagħha dwar l-awtur tal-att li jista' jiġi kkontestat f'din il-kawża, il-Kummissjoni bbażat ruħha, fit-tieni aggravju tal-appell tagħha, fuq id-drittijiet ta' difiża tagħha. Hija sostniet li d-dritt tagħha li tiddefendi l-iskema ta' riżoluzzjoni jkun limitat kieku hija ma tkunx il-konvenuta [91].

87 Hawnhekk il-Kummissjoni tagħmel riferiment għas-sentenza tal-11 ta' Novembru 1981, IBM vs Il-Kummissjoni (60/81, EU:C:1981:264, punti 10 sa 12), u tad-19 ta' Diċembru 2018, Berlusconi u Fininvest (C-219/17, EU:C:2018:1023, punt 49).

88 Bl-istess mod, rikors kontra l-impożizzjoni ta' dazji antidumping, dirett kontra l-Kummissjoni, ġie deċiż li huwa inammissibbli peress li "s-setgħa ta' deċiżjoni tappartjenti lill-Kunsill, li ma huwa obbligat jieħu ebda deċiżjoni jekk ma jkunx jaqbel mal-Kummissjoni jew jista', jekk ikun irid, jadotta deċiżjoni fuq il-bażi tal-proposti ta' din tal-aħħar" (digriet tat-8 ta' Mejju 1985, Koyo Seiko vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, 256/84, EU:C:1985:178, punt 3).

89 Enfasi miżjuda minni.

90 Sentenza appellata, punt 137. Ara wkoll il-punt 18 ta' dawn il-konklużjonijiet.

91 Il-Kummissjoni tfakkar l-Artikolu 142 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, li jgħid li l-intervenjenti ma jistgħux jagħmlu sottomissjonijiet indipendenti.

117. Dan huwa argument maqlub ta' taħt fuq. Il-possibbiltà sħiħa li tiddefendi l-att issir importanti biss jekk il-Kummissjoni hija legalment responsabbli għalih. Id-dritt ta' difiża ma jwassalx biex il-Kummissjoni tkun il-korp legalment responsabbli, imma huwa pjuttost il-konsegwenza tiegħu. Il-fatt li l-awtriċi tkun il-Kummissjoni jirriżulta mill-formulazzjoni u mill-istruttura tar-Regolament dwar is-SRM, li jgħid li l-ħajja legali tal-iskema ta' riżoluzzjoni tibda mal-approvazzjoni tal-Kummissjoni. Id-dritt tagħha li tiddefendi l-iskema jsegwi mill-fatt li hija l-awtriċi tagħha.

118. Għall-istess raġuni, ma jistax jirnexxi l-argument parallel tas-SRB li d-drittijiet ta' difiża tiegħu jinkisru jekk ma jkunx konvenut. Jekk is-SRB ma huwiex intiż li jkun legalment responsabbli għall-iskema ta' riżoluzzjoni, ma hemmx raġuni biex huwa jgawdi mid-drittijiet ta' difiża kollha. Dan, madankollu, ma jfissirx li huwa ma jistax jintervjeni f'kawża kontra l-iskema ta' riżoluzzjoni.

119. L-att li jista' jiġi kkontestat huwa, għaldaqstant, l-approvazzjoni tal-Kummissjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni ta' Banco Popular. Din l-approvazzjoni, fid-dawl tal-fatt li l-iskema ta' riżoluzzjoni hija parti integrali minnha, għandha effetti legali u tista' tkun suġġetta, għaldaqstant, għal stħarriġ ġudizzjarju [92].

120. Ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali bbażat fuq l-Artikolu 86(2) tar-Regolament dwar is-SRM [93], li jgħid li l-iskema ta' riżoluzzjoni kif adottata mis-SRB tikkostitwixxi att li jista' jiġi kkontestat minħabba li jista' jitressaq appell kontra d-deċiżjonijiet tiegħu, ma jaffettwax il-konklużjoni preċedenti. Hemm deċiżjonijiet oħra attribwibbli lis-SRB, bħal, pereżempju, id-deċiżjoni biex ma tinbediex il-proċedura ta' riżoluzzjoni, li huma suġġetti għal din id-dispożizzjoni [94].

121. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali qieset li l-iskema ta' riżoluzzjoni tipproduċi effetti legali vinkolanti b'mod indipendenti peress li l-FROB hija obbligata timplimentaha [95]. Meta kkonkludiet dan, il-Qorti Ġenerali tidher li injorat l-Artikolu 13 tal-iskema ta' riżoluzzjoni, li jgħid li din l-iskema hija indirizzata lill-FROB u trid tiġi trażmessa lilha malli tiġi approvata mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill. Għaldaqstant, hija timmilita favur l-argument tal-Kummissjoni li l-approvazzjoni tagħha tirregola d-dħul fis-seħħ tal-iskema ta' riżoluzzjoni fir-rigward tad-destinatarja tagħha, l-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni.

122. Il-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jwasslu għall-konklużjoni li l-Kummissjoni hija l-awtriċi legalment responsabbli tal-iskema ta' riżoluzzjoni.

92 Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, jikkostitwixxi att li jista' jiġi kkontestat kull deċiżjoni adottata minn istituzzjoni, korp jew organu tal-Unjoni, indipendentement min-natura tagħha jew mill-forma tagħha, li hija intiża li tipproduċi effetti legali (sentenza tal-20 ta' Novembru 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (ŻPB Antartiku) (C-626/15 u C-659/16, EU:C:2018:925, punt 59).

93 Sentenza appellata, punt 140. L-Artikolu 86(2) tar-Regolament dwar is-SRM jipprovdi li: "[l]-Istati Membri u l-istituzzjoniji tal-Unjoni, kif ukoll kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, jistgħu jibdew proċedimenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kontra deċiżjonijiet tal-Bord, skont l-Artikolu 263 TFUE".

94 Kienet preċiżament il-kapaċità tas-SRB li jieħu deċiżjoni biex ma jibdiex il-proċedura ta' riżoluzzjoni li wasslet lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi fis-sentenza tas-6 ta' Mejju 2021, ABLV Bank *et* vs BĊE (C-551/19 P u C-552/19 P, EU:C:2021:369) (li fuqha bbażat ruħha b'mod żbaljat il-Qorti Ġenerali), li l-evalwazzjoni tal-BĊE dwar il-falliment jew il-possibbiltà ta' falliment ma hijiex att li jista' jiġi kkontestat. Sentenza appellata, punt 135, li jirreferi għas-sentenza tas-6 ta' Mejju 2021, ABLV Bank *et* vs BĊE (C-551/19 P u C-552/19 P, EU:C:2021:369, punt 66).

95 Sentenza appellata, punt 119.

123. Madankollu, hemm kwistjoni oħra li trid tiġi ttrattata. Biex jiżguraw stħarriġ ġudizzjarju effettiv mill-qrati tal-Unjoni, il-miżuri legalment vinkolanti jridu jkun fihom motivazzjoni [96]. Mingħajr ma tkun taf dawn il-motivazzjoni, huwa diffiċli għall-persuna affettwata minn miżura biex tibni kontestazzjoni li tagħmel sens.

124. Il-motivazzjoni dwar kif ir-riżoluzzjoni ta' Banco Popular tissodisfa l-kundizzjonijiet tar-Regolament dwar is-SRM hija pprovduta fl-iskema ta' riżoluzzjoni nnifisha. Bl-approvazzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni, il-Kummissjoni tapprova r-raġunijiet li jiġġustifikawha u għandha tkun ippreparata tiddefendihom quddiem il-qrati tal-Unjoni [97].

125. Ma huwiex irrilevanti l-fatt dwar jekk il-Kummissjoni tistax attwalment tiddefendi bis-sħiħ il-ġustifikazzjoni tar-riżoluzzjoni ta' Banco Popular. Dan huwa possibbli biss jekk il-Kummissjoni hija l-vera awtriċi ta' dan l-att.

126. Skont l-Artikolu 43(3) tar-Regolament dwar is-SRM, il-Kummissjoni (u l-BĊE) għandhom rappreżentant li għandu dritt jipparteċipa fil-laqgħat ta' sessjonijiet eżekuttivi jew plenarji tas-SRB bħala osservatur permanenti, li jipparteċipa fid-dibattiti, u għandu aċċess għad-dokumenti kollha [98].

127. Fis-sentenza Algebris [99], ukoll fil-kuntest ta' riżoluzzjoni ta' Banco Popular, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni kienet ġenwinament ipparteċipat fil-preparazzjoni tar-riżoluzzjoni u evalwat kif suppost l-iskema ta' riżoluzzjoni li s-SRB ippreżentalha. Il-fatt li dan għamiltu f'77 minuta ġie kkumpensat bil-parteċipazzjoni tagħha matul il-proċedura kollha li wasslet għall-iskema ta' riżoluzzjoni, li, min-natura tagħha, hija sitwazzjoni ta' urġenza [100].

128. L-approvazzjoni tal-Kummissjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni ta' Banco Popular ma tidhirx li hija sempliċi ttimbrar. Bl-approvazzjoni tagħha, il-Kummissjoni approvat il-kontenut tal-iskema ta' riżoluzzjoni.

129. Madankollu, l-iskema ta' riżoluzzjoni nnifisha ma kinitx annessa mal-approvazzjoni [101]. Fis-sentenza Algebris, bi ftit differenza mis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li r-riferiment tal-Kummissjoni għall-iskema ta' riżoluzzjoni u għar-raġunijiet mogħtija fiha kien suffiċjenti biex jissodisfa d-dmir ta' għoti ta' motivazzjoni. Hija qieset li "l-iskema ta' riżoluzzjoni u l-motivazzjoni tagħha jiffurmaw parti mill-kuntest" [102] li fih ġiet adottata l-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

96 Sentenza tat-8 ta' Mejju 2019, Landeskreditbank Baden-Württemberg vs BĊE (C-450/17 P, EU:C:2019:372, punt 85 u l-ġurisprudenza ċċitata).

97 L-approvazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-iskema ta' riżoluzzjoni ta' Banco Popular tgħid li l-"Kummissjoni taqbel mal-iskema ta' riżoluzzjoni. B'mod partikolari, hija taqbel mar-raġunijiet ipprovduti mis-SRB dwar l-għaliex ir-riżoluzzjoni hija meħtieġa fl-interess pubbliku" (premessa 4 tal-approvazzjoni tal-Kummissjoni).

98 Ma hija pprovduta ebda parteċipazzjoni simili għall-Kunsill.

99 Sentenza tal-1 ta' Ġunju 2022, Algebris (UK) u Anchorage Capital Group vs Il-Kummissjoni (T-570/17, EU:T:2022:314, punti 138, 139 u 143). Din is-sentenza ma kinitx appellata.

100 Fis-sentenza Algebris, il-Kummissjoni spjegat li hija pparteċipat f'diversi stadji preparatorji għall-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni, inkluż laqgħat ta' kuljum u rċeviet żewġ skemi ta' riżoluzzjoni preliminari mibgħuta lilha mis-SRB, u li hija kellha aċċess għad-dokumenti kollha rilevanti għall-preparazzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni, inkluż is-sitwazzjoni finanzjarja ta' Banco Popular. Sentenza tal-1 ta' Ġunju 2022, Algebris (UK) u Anchorage Capital Group vs Il-Kummissjoni (T-570/17, EU:T:2022:314, punti 132 sa 135).

101 L-approvazzjoni tal-Kummissjoni rreferiet biss għall-iskema ta' riżoluzzjoni ta' Banco Popular (premessa 2).

102 Sentenza tal-1 ta' Ġunju 2022, Algebris (UK) u Anchorage Capital Group vs Il-Kummissjoni (T-570/17, EU:T:2022:314, punti 151 u 156).

130. Madankollu, f'din il-kawża, waqt is-seduta qamet il-kwistjoni dwar kif l-individwi għandhom iressqu azzjoni diretta taħt l-Artikolu 263(4) TFUE jekk ma jistgħux jkunu jafu r-raġunijiet li fuqhom il-Kummissjoni bbażat l-approvazzjoni tagħha mid-deċiżjoni ta' approvazzjoni stess?

131. Il-Kummissjoni rrispondiet li ma kienx prattiku li tiġi ppubblikata l-iskema ta' riżoluzzjoni flimkien mal-approvazzjoni, peress li din ikun fiha informazzjoni kunfidenzjali. Hija sostniet li mill-approvazzjoni kien madankollu ċar li hija tirreferi għar-riżoluzzjoni ta' Banco Popular, li kienet ippubblikata mis-SRB fuq is-sit internet tiegħu u, għaldaqstant, disponibbli pubblikament [103].

132. Jien tal-fehma li, fil-futur, il-Kummissjoni għandha tannetti l-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-iskema ta' riżoluzzjoni mal-approvazzjoni tagħha li hija ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Filwaqt li n-numru kbir ta' rikorsi diretti preżentement pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali juri li l-persuni kkonċernati kellhom għarfien tal-iskema ta' riżoluzzjoni, jekk l-approvazzjoni u l-iskema ta' riżoluzzjoni jiġu ppubblikati flimkien dan ikun jagħmilha ċara li bl-approvazzjoni tagħha l-Kummissjoni tapprova l-iskema ta' riżoluzzjoni sħiħa, inklużi r-raġunijiet li fuqha hija bbażata.

133. Bħala konklużjoni, jiena nemmen li l-iskema ta' riżoluzzjoni ma għandhiex eżistenza legali indipendenti, u għaldaqstant ma tistax tiġi kkontestata indipendentement mill-approvazzjoni tal-Kummissjoni. Ir-rikors dirett għandu jikkontesta l-approvazzjoni tal-Kummissjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni tas-SRB. Għaldaqstant, hemm att wieħed li jista' jiġi kkontestat li l-awtriċi tiegħu hija l-Kummissjoni.

VII. Konklużjoni

134. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha:

– tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-1 ta' Ġunju 2022, Fundación Tatiana Pérez de Guzmán el Bueno u SFL vs SRB (T-481/17, EU:T:2022:311) inkwantu tiddikjara bħala ammissibbli r-rikors kontra l-iskema ta' riżoluzzjoni kif adottata mis-SRB;

– tiċħad ir-rikors għal annullament ippreżentat mill-Fundación Tatiana Pérez de Guzmán el Bueno u SFL bħala inammissibbli;

– tordna lil Fundación Tatiana Pérez de Guzmán el Bueno u lil SFL ibatu l-ispejjeż tagħhom stess u jħallsu dawk li SRB u Banco Santander, SA sostnew quddiem il-Qorti Ġenerali;

– tordna lil Fundación Tatiana Pérez de Guzmán el Bueno u lil SFL ibatu l-ispejjeż tagħhom stess u jħallsu dawk li SRB u l-Kummissjoni sostnew fl-appell;

– tordna lill-bqija tal-intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali jbatu l-ispejjeż tagħhom stess b'rabta ma' dak ir-rikors, u lill-intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jbatu l-ispejjeż tagħhom stess b'rabta mal-appell.

[103] Il-Kummissjoni kompliet din il-prattika fir-rigward tar-riżoluzzjoni ta' Sberbank banka d.d. u Sberbank d.d. Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/947 tal-1 ta' Marzu 2022 dwar l-approvazzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni għal Sberbank banka d.d. (ĠU 2022, L 164, p. 63) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (EU) 2022/948 tal-1 ta' Marzu 2022 dwar l-approvazzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni għal Sberbank d.d. (ĠU 2022, L 164, p. 65).